SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

12 ta' Settembru 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 135(1)(i) – Eżenzjonijiet – Imħatri, lotteriji u logħob ieħor tal-ażżard jew tal-flus – Kundizzjonijiet u limiti – Prinċipju ta' newtralità fiskali – Żamma fis-seħħ tal-effetti ta' leġiżlazzjoni nazzjonali – Dritt għal rimbors – Arrikkiment indebitu – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Talba għar-rimbors tat-taxxa fil-forma ta' danni"

Fil-Kawża C-741/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-tribunal de première instance de Liège (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Liège, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Novembru 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Diċembru 2022, fil-proċedura

Casino de Spa SA,

Ardent Betting SA,

Ardent Finance SA,

Artekk SRL (assorbita minn Circus Belgium SA),

Circus Belgium SA,

Circus Services SA,

Gambling Management SA,

Games Services SA,

Gaming1 SRL,

Guillemins Real Estate SA,

Immo Circus Wallonie SA,

Mr Joker SRL,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Pres Carats Sports SA,

Pro Sécurité SRL,

Royal Namur SA,

Euro 78 SRL,

Lucky Bet SRL,

Reflex SA,

Slots SRL,

Winvest SRL,

Parction SA,

Ardent Casino Belgium SA,

Ardent Casino International SA,

Ardent Namur Immo SA,

Odds Sportbar SRL,

HQ1 SRL,

Tour de Baschamps SRL

vs

État belge (SPF Finances),

fil-preżenza ta':

État belge (SPF Justice),

La Chambre des Représentants,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, L. Bay Larsen (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, T. von Danwitz, A. Kumin u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Casino de Spa SA, Ardent Betting SA, Ardent Finance SA, Artekk SRL (assorbita minn Circus Belgium SA), Circus Belgium SA, Circus Services SA, Gambling Management SA, Games Services SA, Gaming1 SRL, Guillemins Real Estate SA, Immo Circus Wallonie SA, Mr Joker SRL, Pres Carats Sports SA, Pro Sécurité SRL, Royal Namur SA, Euro 78 SRL, Lucky Bet SRL, Reflex SA, Slots SRL, Winvest SRL, Parction SA, Ardent Casino Belgium SA, Ardent Casino International SA, Ardent Namur Immo SA, Odds Sportbar SRL, HQ1 SRL u Tour de Baschamps SRL, minn V. Lamberts u M. Levaux, avocats,

– għall-Gvern Belġjan, minn S. Baeyens, P. Cottin u C. Pochet, bħala aġenti, assistiti minn V. Ramognino, avocat, u P. Vlaemminck, advocaat,

– għall-Gvern Ċek, minn L. Halajová, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u P.-L. Krüger, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Armenia, J. Carpi Badía u M. Herold, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-25 ta' April 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(3) TUE, tal-Artikoli 107 u 267 TFUE, tal-prinċipji ta' newtralità fiskali u ta' effettività kif ukoll tal-Artikolu 135(1)(i) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, Casino de Spa SA u 26 rikorrent ieħor u, min-naħa l-oħra, l-État belge, SPF Finances (l-Istat Belġjan, is-Servizz Pubbliku Federali tal-Finanzi, il-Belġju), dwar deċiżjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) dovuta għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2016 sal-21 ta' Mejju 2018, kif ukoll dwar multi u interessi moratorji marbuta ma' din il-VAT dovuta.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112 jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

[…]

(i) imħatri, lotteriji u forom oħrajn ta' logħob ta' l-azzard, soġġetti għall-kondizzjonijiet u għal-limitazzjonijet mfasslin minn kull Stat Membru".

Id-dritt Belġjan

4 L-Artikolu 1(14) tal-code de la taxe sur la valeur ajoutée (il-Kodiċi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) (*Moniteur belge* tas-17 ta' Lulju 1969, p. 7046), kif emendat bil-loi-programme du 1er juillet 2016 (il-Liġi Qafas tal-1 ta' Lulju 2016), kien ifformulat kif ġej:

"Għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi:

1° 'logħob tal-ażżard jew tal-flus' tfisser:

(a) il-logħob, taħt kwalunkwe denominazzjoni, li jagħti l-opportunità lil min jilgħab jirbaħ premjijiet jew premji fi flus jew *in natura*, u li fil-kuntest tiegħu min jilgħab ma jkunx jista' jintervjeni la fil-bidu, la matul u lanqas fl-aħħar tal-logħob, u r-rebbieħa huma magħżula biss bix-xorti jew permezz ta' kull ċirkustanza oħra dovuta għax-xorti;

(b) il-logħob, taħt kwalunkwe denominazzjoni, li jagħti lill-parteċipanti f'kompetizzjoni ta' kwalunkwe tip l-opportunità li jirbħu premjijiet jew premji fi flus jew *in natura*, sakemm il-kompetizzjoni ma twassalx għall-konklużjoni ta' kuntratt bejn ir-rebbieħa u l-organizzatur ta' din il-kompetizzjoni;

2° 'lotteriji' tfisser: kull ċirkustanza li tippermetti, permezz tax-xiri ta' biljetti ta' lotterija, kompetizzjoni għal premjijiet jew premji fi flus jew *in natura*, fejn ir-rebbieħa jintgħażlu bix-xorti jew permezz ta' kull ċirkustanza oħra dovuta għax-xorti li fuqhom huma ma jistgħu jeżerċitaw ebda influwenza."

5 L-Artikolu 44(3) tal-Kodiċi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kif emendat bil-Liġi Qafas tal-1 ta' Lulju 2016, kien jipprovdi:

"Dawn li ġejjin huma eżentati wkoll:

[…]

13°

(a) lotteriji,

(b) logħob ieħor tal-azżard jew tal-flus, bl-eċċezzjoni ta' logħob tal-azżard jew tal-flus li, kif imsemmi fil-punt 16 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1), ikun disponibbli b'mezzi elettroniċi".

It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

6 Casino de Spa u l-kumpanniji l-oħra rikorrenti fil-kawża prinċipali jifformaw l-unità tal-VAT Gaming Ardent u joffru logħob online.

7 Fil-Belġju, din l-attività kienet eżentata mill-VAT sal-1 ta' Lulju 2016, data li fiha ġew adottati dispożizzjonijiet li ħassru l-eżenzjoni mill-VAT għal-logħob tal-ażżard jew tal-flus online bl-esklużjoni tal-lotteriji.

8 Dawn id-dispożizzjonijiet ġew annullati mill-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju), permezz ta' sentenza tat-22 ta' Marzu 2018, minħabba ksur ta' regoli dwar it-tqassim ta' kompetenzi bejn l-Istat Federali Belġjan u r-reġjuni Belġjani previsti fid-dritt Belġjan. F'dik is-sentenza, dik il-qorti ma eżaminatx il-motivi l-oħra ppreżentati quddiemha, b'mod partikolari dawk ibbażati fuq ksur tad-Direttiva 2006/112, tal-prinċipju ta' newtralità fiskali kif ukoll tal-Artikoli 107 u 108 TFUE, billi qieset li dawn il-motivi ma setgħux iwasslu għal annullament iktar estiż tal-imsemmija dispożizzjonijiet. Fl-imsemmija sentenza, l-imsemmija qorti ddeċidiet ukoll li żżomm fis-seħħ l-effetti tal-istess dispożizzjonijiet billi semmiet id-diffikultajiet baġitarji u amministrattivi li kien mistenni jikkawża r-rimbors tat-taxxi diġà mħallsa.

9 F'sentenza tat-8 ta' Novembru 2018, il-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali) ippreċiżat li l-effetti tad-dispożizzjonijiet li ħassru l-eżenzjoni mill-VAT għal-logħob tal-ażżard jew tal-flus online bl-esklużjoni tal-lotteriji, dispożizzjonijiet li hija kienet annullat permezz tas-sentenza tagħha tat-22 ta' Marzu 2018, kienu miżmuma fis-seħħ għat-taxxi li kienu tħallsu għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2016 sal-21 ta' Mejju 2018.

10 Wara dawn is-sentenzi, l-unità tal-VAT Gaming Ardent irreġistrat, fil-parti dwar l-aġġustamenti tal-VAT favur tagħha fid-dikjarazzjoni tal-VAT tagħha għax-xahar ta' Settembru 2019, ammont ta' EUR 29 328 371.20, li jikkorrispondi għall-ammont tal-VAT imħallsa għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2016 sal-21 ta' Mejju 2018, u talbet ir-rimbors ta' bilanċ tal-VAT ta' EUR 15 581 402.06.

11 Fil-5 ta' Diċembru 2019, ġie stabbilit proċess verbal mill-amministrazzjoni fiskali Belġjana li fih din tal-aħħar indikat li din it-talba kienet tmur kontra s-sentenzi tal-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali) tat-22 ta' Marzu u tat-8 ta' Novembru 2018 u li, għaldaqstant, l-unità tal-VAT Gaming Ardent kienet responsabbli għall-ħlas ta' ammont ta' EUR 29 328 370.36 bħala VAT, flimkien ma' multi u interessi.

12 Wara lment imressaq mill-unità tal-VAT Gaming Ardent kontra dan il-proċess verbal, l-ammont tal-multi imposti fuqha tnaqqas.

13 Fit-12 ta' Ottubru 2020, l-unità tal-VAT Gaming Ardent ippreżentat rikors quddiem it-tribunal de première instance de Liège (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Liège, il-Belġju), li hija l-qorti tar-rinviju, kontra deċiżjoni tal-14 ta' Awwissu 2020 dwar il-VAT dovuta għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2016 sal-21 ta' Mejju 2018, dwar multi u dwar interessi moratorji. Hija tinvoka, sussidjarjament, ir-responsabbiltà tal-Istat Belġjan minħabba nuqqas tal-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali), sa fejn dik il-qorti ddeċidiet li żżomm fis-seħħ l-effetti tad-dispożizzjonijiet li hija kienet annullat u, b'mod iktar sussidjarju, ir-responsabbiltà tal-Istat Belġjan minħabba nuqqas tal-leġiżlatur.

14 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tribunal de première instance de Liège (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Liège) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 135(1)(i) tad-[Direttiva 2006/112] u l-prinċipju ta' newtralità għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li Stat Membru jittratta b'mod differenti, jekk wieħed jassumi li huma provvisti ta' servizzi simili, il-lotteriji online offruti mil-Loterie National (il-lotterija nazzjonali Belġjana), stabbiliment pubbliku, li huma eżenti [mill-VAT] u l-logħob tal-azzard ieħor online offrut minn operaturi privati li huma suġġetti [għall-VAT]?

2) Fil-kuntest tad-domanda preċedenti, sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex kwistjoni ta' żewġ kategoriji simili li huma f'kompetizzjoni ma' xulxin u li għandu jkollhom l-istess trattament fir-rigward [tal-VAT] jew jekk hijiex kwistjoni ta' kategoriji distinti li jawtorizzaw trattament differenti, il-qorti nazzjonali għandha tikkunsidra biss il-fatt li ż-żewġ forom ta' logħob tal-azzard huma jew ma humiex f'kompetizzjoni bejniethom mill-perspettiva tal-konsumatur medju, fis-sens li provvisti ta' servizzi huma simili meta jkollhom proprjetajiet analogi u jissodisfaw l-istess ħtiġijiet tal-konsumatur, abbażi ta' kriterju ta' komparabbiltà fl-użu, u meta d-differenzi eżistenti ma jinfluwenzawx b'mod sinjifikattiv id-deċiżjoni tal-konsumatur medju li jagħmel użu minn provvista waħda jew oħra ta' servizzi (kriterju ta' sostituzzjoni) jew għandhom jitqiesu kriterji oħra bħall-eżistenza ta' setgħa diskrezzjonali min-naħa tal-Istat Membru li jeżenta ċerti kategoriji ta' logħob u li jissuġġetta oħrajn għall-VAT, il-fatt li l-lotteriji jappartjenu għal kategorija distinta ta' logħob intiż mill-Artikolu 135(1)(i) tad-[Direttiva 2006/112], il-kuntesti legali differenti li japplikaw għal-Loterie Nationale u għal-logħob tal-azzard ieħor, l-awtoritajiet ta' kontroll differenti jew l-għanijiet ta' protezzjoni tas-soċjetà u tal-lagħaba mfittixija mil-leġiżlazzjoni applikabbli għal-Loterie Nationale?

3) Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) [TUE], ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 267 [TFUE], id-dispożizzjonijiet tad-[Direttiva 2006/112] u, jekk ikun il-każ, il-prinċipju tal-effettività, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Stat Membru li żżomm, fuq inizjattiva tagħha stess u mingħajr rinviju għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, fuq il-bażi ta' dispożizzjoni tad-dritt intern, f'dan il-każ l-Artikolu 8 tal-loi spéciale du 6 janvier 1989 sur la Cour constitutionnelle (il-Liġi Speċjali tas-6 ta' Jannar 1989 dwar il-Qorti Kostituzzjonali), l-effett għall-imgħoddi ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar [il-VAT], iġġudikati li jmorru kontra l-Kostituzzjoni nazzjonali u annullati għal din ir-raġuni u li n-nuqqas ta' konformità tagħhom mad-dritt tal-Unjoni ġie invokat ukoll insostenn tar-rikors għal annullament quddiem il-qorti nazzjonali, madankollu mingħajr ma dan l-ilment ikun ġie eżaminat minn din tal-aħħar, fuq il-bażi ġeneralment tad-'diffikultajiet baġitarji u amministrattivi li jirriżultaw mir-rifużjoni ta' taxxi diġà mħallsa', u b'hekk iċaħħdu kompletament lill-persuni taxxabbli suġġetti għall-VAT mid-dritt għar-rimborż tal-VAT miġbura bi ksur tal-liġi tal-Unjoni?

4) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti hija negattiva, l-istess dispożizzjonijiet u prinċipji interpretati, b'mod partikolari, fid-dawl tas-sentenza tal-10 ta' April 2008, Marks & Spencer [(C-309/06, [EU:C:2008:211)], li biha l-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, inkluż dak tan-newtralità fiskali, jagħtu lill-operatur ekonomiku li jkun wettaq kunsinni jew servizzi dritt li jirkupra s-somom li jkunu ntalbu mingħandu bi żball minħabba dawn l-istess kunsinni jew servizzi (sentenza tal-10 ta' April 2008, Marks & Spencer, C-309/06[, EU:C:2008:211]), jimponu fuq l-Istat Membru kkonċernat li jħallas lura lill-persuni taxxabbli l-VAT miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni meta din tirriżulta, bħal f'dan il-każ, ulterjorment minn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tafferma, b'risposta għad-domandi għal deċiżjoni preliminari, minn

naħa, in-nuqqas ta' konformità mad-[Direttiva 2006/112] mad-dispożizzjonijiet nazzjonali mħassra u, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li żżomm l-effett għall-imgħoddi tad-dispożizzjonijiet li hija tordna li jiġu annullati?

5) It-trattament separat stabbilit bl-Artikoli 29, 30, 31, 32, 33 u 34 tal-loi-programme du 1er juillet 2016 (il-Liġi Programm tal-1 ta' Lulju 2016), li ġew annullati bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Nru 34/2018 tat-22 ta' Marzu 2018, iżda li l-effetti tiegħu inżammu wara din id-data għat-taxxi diġà mħallsa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2016 sal-21 ta' Mejju 201[8], bejn il-lotteriji, kemm jekk fuq l-art jew online, u logħob ieħor online u mħatri joħloq vantaġġ selettiv favorevoli għall-operaturi ta' dawn il-lotteriji u għalhekk għajnuna mogħtija mill-Istat Belġjan jew permezz tar-riżorsi tal-Istat Belġjan li toħloq jew thedded li toħloq distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi, inkompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE?

6) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti hija affermattiva, l-obbligu impost fuq l-Istati Membri li jħarsu d-drittijiet tal-individwi affettwati mill-implimentazzjoni illegali tal-għajnuna inkwistjoni, li jirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Transalpine Ölleitung in Österreich [(C-368/04, EU:C:2006:644)], il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u l-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, inkluż dak tan-newtralità fiskali, li jagħtu lill-operatur ekonomiku li jkun għamel kunsinni jew provvisti ta' servizzi dritt li jirkupra s-somom li ntalbu mingħandu bi żball għal dawn l-istess provvisti jew servizzi (sentenza tal-10 ta' April 2008, Marks & Spencer, C-309/06[, EU:C:2008:211]), jippermettu lill-persuni taxxabbli li jkunu ffatturaw il-VAT fuq il-bażi tal-għajnuna mill-Istat illegali li jirkupraw l-ekwivalenti tat-taxxa mħallsa fil-forma ta' danni sabiex jikkumpensaw għad-dannu subit?"

Fuq it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura

15 Wara l-qari tal-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fis-seduta tal-25 ta' April 2024, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, permezz ta' ittra li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Mejju 2024, talbu li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

16 Insostenn ta' din it-talba, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li dawn il-konklużjonijiet jindirizzaw punt ta' liġi dwar ir-rikonoxximent ta' effett dirett lill-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112 li ma tressaqx quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju u li dwaru huma għalhekk ma setgħux jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom. Huma jesprimu wkoll in-nuqqas ta' qbil tagħhom mal-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali dwar dan il-punt.

17 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna, f'kull ħin, il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta l-kawża jkollha tiġi deċiża abbażi ta' argument li jkun għadu ma ġiex dibattut bejn il-partijiet.

18 Għandu jitfakkar ukoll li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-Regoli tal-Proċedura ma jipprevedux il-possibbiltà, għall-partijiet, li jippreżentaw osservazzjonijiet b'risposta għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali (sentenza tal-31 ta' Jannar 2023, Puig Gordi *et*, C-158/21, EU:C:2023:57, punt 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

19 Barra minn hekk, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu jippreżenta pubblikament, bl-ikbar imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, konformement mal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu jeħtieġu l-intervent tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja la hija marbuta b'dawn il-konklużjonijiet u lanqas bil-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Avukat Ġenerali jasal għalihom. Għaldaqstant, in-nuqqas ta' qbil ta' parti mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, irrispettivament mill-kwistjonijiet li huwa jeżamina f'dawn il-konklużjonijiet, ma jistax jikkostitwixxi, fih innifsu, raġuni li tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura (sentenza tal-31 ta' Jannar 2023, Puig Gordi *et*, C-158/21, EU:C:2023:57, punt 38 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

20 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li hija għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tiddeċiedi.

21 B'mod partikolari, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 19 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali insostenn tat-talba tagħhom għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, sa fejn ir-raba' domanda preliminari tirrigwarda l-effetti li għandhom jiġu rrikonoxxuti lill-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112 quddiem qorti nazzjonali, il-qorti tar-rinviju neċessarjament staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rikonoxximent ta' effett dirett lil din id-dispożizzjoni. Minn dan isegwi li dawn ir-rikorrenti kellhom l-opportunità jesprimu l-pożizzjoni tagħhom f'dan ir-rigward.

22 Għaldaqstant, ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

23 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, moqri flimkien mal-prinċipju ta' newtralità fiskali, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħmel differenza fit-trattament bejn, minn naħa, ix-xiri online ta' biljetti ta' lotterija u, min-naħa l-oħra, il-parteċipazzjoni f'logħob ieħor tal-ażżard jew tal-flus offrut online, billi teskludi lil din it-tieni kategorija mill-eżenzjoni mill-VAT applikabbli għall-ewwel kategorija.

24 Skont l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, l-imħatri, il-lotteriji u l-logħob l-ieħor tal-ażżard jew tal-flus għandhom jiġu eżentati mill-VAT, bla ħsara għall-kundizzjonijiet u għal-limiti stabbiliti minn kull Stat Membru.

25 Mill-kliem stess tagħha jirriżulta li din id-dispożizzjoni tħalli marġni wiesa' ta' evalwazzjoni lill-Istati Membri fir-rigward tal-eżenzjoni jew tat-tassazzjoni tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati peress li tippermetti lil dawn l-Istati Membri jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-limiti li għalihom jista' jkun suġġett il-benefiċċju ta' din l-eżenzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

26 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-eżerċizzju tal-possibbiltà li għandhom l-Istati Membri sabiex jistabbilixxu kundizzjonijiet u limiti għall-eżenzjoni mill-VAT prevista fl-imsemmija dispożizzjoni jippermettilhom jeżentaw minn din it-taxxa ċertu logħob tal-ażżard jew tal-flus biss (sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, Metropol Spielstätten, C-440/12, EU:C:2013:687, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Madankollu, meta, konformement mal-istess dispożizzjoni, l-Istati Membri jeżerċitaw il-possibbiltà li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet u l-limiti tal-eżenzjoni u, għalhekk, li jissuġġettaw jew le tranżazzjonijiet għall-VAT, huma għandhom josservaw il-prinċipju ta' newtralità fiskali inerenti fis-sistema komuni tal-VAT (sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 41 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

28 Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-prinċipju ta' newtralità fiskali jipprekludi b'mod partikolari li l-merkanzija jew il-provvisti ta' servizzi li jixxiebhu, li għalhekk ikunu jinsabu f'kompetizzjoni bejniethom, jiġu ttrattati b'mod differenti mill-perspettiva tal-VAT (sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

29 Sabiex jiġi ddeterminat jekk żewġ provvisti ta' servizzi jixxibhux, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, prinċipalment, il-perspettiva tal-konsumatur medju, filwaqt li jiġu evitati distinzjonijiet artifiċjali bbażati fuq differenzi mhux sinjifikattivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

30 B'hekk, żewġ provvisti ta' servizzi jkunu jixxiebhu meta jkollhom karatteristiċi analogi u jissodisfaw l-istess bżonnijiet tal-konsumatur, skont kriterju ta' komparabbiltà fl-użu, u meta d-differenzi eżistenti ma jinfluwenzawx b'mod kunsiderevoli d-deċiżjoni tal-konsumatur medju li jirrikorri għal waħda jew għall-oħra mill-imsemmija provvisti (sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

31 Fi kliem ieħor, għandu jiġi eżaminat jekk il-provvisti inkwistjoni jinsabux, mill-perspettiva tal-konsumatur medju, f'relazzjoni ta' sostituzzjoni. Fil-fatt, jekk dan ikun il-każ, differenza fit-trattament mill-perspettiva tal-VAT tista' taffettwa l-għażla tal-konsumatur, u dan ikun jindika, għaldaqstant, ksur tal-prinċipju ta' newtralità fiskali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Frar 2022, Finanzamt A, C-515/20, EU:C:2022:73, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 F'dan ir-rigward, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni biss id-differenzi li jikkonċernaw il-karatteristiċi tal-provvisti inkwistjoni u l-użu ta' dawn il-provvisti, li huma, għalhekk, inerenti għall-imsemmija provvisti, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll differenzi relatati mal-kuntest li fih jitwettqu l-istess provvisti, sa fejn dawn id-differenzi kuntestwali jistgħu joħolqu distinzjoni f'għajnejn il-konsumatur medju, f'termini ta' sodisfazzjon tal-bżonnijiet speċifiċi tiegħu, u sa fejn għaldaqstant ikunu ta' natura li jinfluwenzaw l-għażla ta' dan il-konsumatur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Phantasialand, C-406/20, EU:C:2021:720, punti 41 u 42 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

33 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li elementi ta' natura kulturali, bħalma huma drawwiet jew tradizzjonijiet, jistgħu jkunu rilevanti fil-kuntest ta' tali eżami (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Phantasialand, C-406/20, EU:C:2021:720, punt 44).

34 Barra minn hekk, fir-rigward tal-logħob tal-ażżard, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li differenzi dwar il-limiti minimi u massimi tal-imħatri u tar-rebħ, dwar l-opportunitajiet tar-rebħ, dwar il-formati disponibbli u dwar il-possibbiltà ta' interazzjonijiet bejn min jilgħab u l-logħba jista' jkollhom influwenza kunsiderevoli fuq id-deċiżjoni tal-konsumatur medju, peress li l-ġibda tal-logħob tal-ażżard jew tal-flus tinsab prinċipalment fil-possibbiltà tar-rebħ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 57).

35 Tali elementi jistgħu għalhekk ikunu rilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tan-natura simili tax-xiri online ta' biljetti ta' lotterija u tal-parteċipazzjoni f'logħob ieħor tal-ażżard jew tal-flus offrut online.

36 Għalkemm hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 28 sa 35 ta' din is-sentenza, in-natura simili ta' dawn il-provvisti ta' servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tipprovdilha indikazzjonijiet utli għal dan il-għan sabiex dik il-qorti tkun tista' taqta' t-tilwima li jkollha quddiemha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024, GEMA, C-135/23, EU:C:2024:526, punt 32).

37 B'mod partikolari, għandu jiġi rrilevat li elementi ta' natura kulturali u differenzi relatati mal-limiti minimi u massimi tal-imħatri u tar-rebħ kif ukoll mal-opportunitajiet ta' rebħ jistgħu joħolqu distinzjoni, f'għajnejn il-konsumatur medju, bejn il-lotteriji u l-logħob l-ieħor tal-ażżard jew tal-flus.

38 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minn naħa, b'differenza minn logħob ieħor tal-ażżard jew tal-flus li fih il-kapaċitajiet ta' min jilgħab, bħalma huma l-abbiltà jew l-għarfien, jista' jkollhom influwenza fuq il-probabbiltajiet ta' rebħ, ir-rebbieħa huma ddeterminati biss, fil-kuntest tal-lotteriji fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni, mix-xorti, mingħajr ma l-kapaċitajiet tagħhom ikunu jistgħu jeżerċitaw xi tip ta' influwenza f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra, f'dan il-kuntest, peress li r-rebbieħ jintgħażel f'data preċiża, il-perijodu ta' żmien bejn ix-xiri tal-biljett ta' lotterija u r-riżultat jista' jkun sinjifikattiv.

39 Il-lotteriji kif iddefiniti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma għalhekk ikkaratterizzati minn kombinazzjoni ta' perijodu ta' stennija għad-determinazzjoni tar-rebbieħa u ta' nuqqas totali ta' influwenza tal-kapaċitajiet ta' min jilgħab fuq l-eżitu tal-logħba.

40 Issa, tali differenzi oġġettivi fil-konfront tal-logħob l-ieħor tal-ażżard jew tal-flus jidhru li jistgħu jinfluwenzaw b'mod kunsiderevoli d-deċiżjoni tal-konsumatur medju li jirrikorri għal kategorija waħda jew oħra ta' logħob, punt dan li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

41 Għall-kuntrarju, għandu jitfakkar li l-identità tal-fornituri, il-forma ġuridika li fiha jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom, il-kategorija ta' liċenzja li taħtha jaqa' l-logħob ikkonċernat u s-sistema legali applikabbli fil-qasam tal-kontroll u tar-regolamentazzjoni ma humiex, bħala prinċipju, rilevanti għall-evalwazzjoni tan-natura komparabbli ta' dawn il-kategoriji ta' logħob (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punti 46 u 51).

42 Bl-istess mod, l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u l-fatt li l-lotteriji huma espressament imsemmija fl-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112 huma, bħala prinċipju, irrilevanti fil-kuntest ta' tali eżami peress li dawn l-elementi ma jidhrux li jistgħu joħolqu distinzjoni, f'għajnejn il-konsumatur medju, f'termini ta' sodisfazzjoni tal-bżonnijiet speċifiċi tiegħu.

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 28 sa 42 ta' din is-sentenza, jidher, *prima facie*, li l-provvisti meħuda inkunsiderazzjoni f'dawn il-punti ma jixxibhux, u dan jimplika li differenza fit-trattament bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija kompatibbli mal-prinċipju ta' newtralità fiskali. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika konkretament, fid-dawl ta' kull element rilevanti, jekk din il-leġiżlazzjoni tiksirx dan il-prinċipju.

44 Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, moqri flimkien mal-prinċipju ta' newtralità fiskali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħmel differenza fit-trattament bejn, minn naħa, ix-xiri online ta' biljetti ta' lotterija u, min-naħa l-oħra, il-parteċipazzjoni f'logħob ieħor tal-azzard jew tal-flus offrut online, billi teskludi lil din il-kategorija tal-aħħar mill-eżenzjoni mill-VAT applikabbli għall-ewwel kategorija, sakemm id-differenzi oġġettivi bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' logħob tal-azzard jew tal-flus jistgħu jinfluwenzaw b'mod kunsiderevoli d-deċiżjoni tal-konsumatur medju li jirrikorri għal waħda jew l-oħra minn dawn il-kategoriji ta' logħob.

Fuq it-tielet domanda

45 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali kif stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 267 TFUE, mad-Direttiva 2006/112 u mal-prinċipju ta' effettività, għandux jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju tista' tuża dispożizzjoni nazzjonali li tawtorizzaha żżomm fis-seħħ l-effetti ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li hija qieset inkompatibbli mar-regoli superjuri tad-dritt nazzjonali tagħha, mingħajr ma teżamina lment fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet huma inkompatibbli wkoll ma' din id-direttiva.

46 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, din tal-aħħar għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha taqta' t-tilwima li jkollha quddiemha. Minn din il-perspettiva, il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk ikun il-każ, għandha tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu sarulha (sentenza tas-16 ta' Mejju 2024, Toplofikatsia Sofia (Kunċett ta' residenza tal-konvenut), C-222/23, EU:C:2024:405, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tislet, mill-elementi kollha li tkun ipprovditilha l-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, ir-regoli u l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni li jkunu jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Dyrektor Izby Administracji Skarbowej w Bydgoszczy (Possibbiltà ta' korrezzjoni fil-każ ta' rata żbaljata), C-606/22, EU:C:2024:255, punt 20 u l-ġurisprudenza stabbilita).

48 F'dan il-każ, għalkemm it-tielet domanda tirrigwarda l-obbligi li d-dritt tal-Unjoni jimponi fuq qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din id-domanda qiegħda ssir minn qorti nazzjonali tal-ewwel istanza, li għandha dubju dwar il-konsegwenzi ta' eventwali inkompatibbiltà

mal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, moqri flimkien mal-prinċipju ta' newtralità fiskali, ta' dispożizzjoni nazzjonali li ġiet annullata mill-qorti kostituzzjonali tal-Istat Membru tagħha minħabba ksur ta' regoli superjuri tad-dritt nazzjonali tagħha u li l-effetti tagħha nżammu fis-seħħ minn din il-qorti tal-aħħar.

49 F'dan il-kuntest, jidher għalhekk li, fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju ma hijiex meħtieġa tiddeċiedi direttament dwar l-aġir tal-qorti kostituzzjonali tal-Istat Membru tagħha, iżda, jekk ikun il-każ, hija meħtieġa tislet il-konsegwenzi tal-inkompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni f'tilwima bejn persuna taxxabbli u amministrazzjoni fiskali dwar l-ammont tal-VAT dovuta minn din il-persuna taxxabbli.

50 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet domanda preliminari għandha tiġi fformulata mill-ġdid fis-sens li, permezz tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali kif stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE u l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jobbligawx lill-qorti nazzjonali ma tapplikax dispożizzjonijiet nazzjonali meqjusa li huma inkompatibbli mal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, moqri flimkien mal-prinċipju ta' newtralità fiskali, mingħajr ma hija rilevanti f'dan ir-rigward l-eżistenza ta' sentenza tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali li tiddeċiedi li żżomm fis-seħħ l-effetti ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali.

51 Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE, l-Istati Membri huma obbligati jeliminaw il-konsegwenzi illegali ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni u li tali obbligu jaqa', fil-kuntest tal-kompetenzi tiegħu, fuq kull korp tal-Istat Membru kkonċernat (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2023, Osteopathie Van Hauwermeiren, C-355/22, EU:C:2023:737, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Għalhekk, meta jikkonstataw li leġiżlazzjoni nazzjonali hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat għandhom, filwaqt li jżommu l-għażla tal-miżuri li għandhom jittieħdu, jiżguraw li, malajr kemm jista' jkun, id-dritt nazzjonali jitqiegħed f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u li jingħata effett sħiħ lid-drittjiet li l-individwi jisiltu mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2023, Osteopathie Van Hauwermeiren, C-355/22, EU:C:2023:737, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Għandu jitfakkar ukoll li l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jimponi fuq il-qorti nazzjonali responsabbli, fil-kuntest tal-kompetenza tagħha, għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, l-obbligu li, jekk ma tkunx tista' tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali b'mod konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, tiżgura l-effett sħiħ tar-rekwiżiti ta' dan id-dritt fit-tilwima li jkollha quddiemha u dan billi, jekk ikun hemm bżonn, ma tapplikax, fuq il-bażi tal-awtorità tagħha stess, kwalunkwe leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali, anki jekk sussegwenti, li jmorru kontra dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jkollha effett dirett, mingħajr ma jkollha għalfejn titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel ta' din il-leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali permezz tal-proċess leġiżlattiv jew ta' kwalunkwe proċess kostituzzjonali ieħor (sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effett tas-sentenzi ta' qorti kostituzzjonali), C-430/21, EU:C:2022:99, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Issa, l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112 għandu effett dirett (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 69 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

55 Huwa minnu li, kif ġie rrilevat fil-punt 25 ta' din is-sentenza, din id-dispożizzjoni tħalli lill-Istati Membri ċertu marġni ta' evalwazzjoni meta jadottaw leġiżlazzjoni li tipprevedi l-kundizzjonijiet u li tistabbilixxi l-limiti tal-eżenzjoni mill-VAT prevista fl-imsemmija dispożizzjoni.

56 Madankollu, il-fatt li l-Istati Membri jkollhom, skont dispożizzjoni ta' direttiva, marġni ta' evalwazzjoni ma jeskludix li jkun jista' jsir stħarriġ ġudizzjarju sabiex jiġi vverifikat jekk l-awtoritajiet nazzjonali qabżux dan il-marġni ta' evalwazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Ottubru 2014, Traum, C-492/13, EU:C:2014:2267, punt 47; tat-8 ta' Marzu 2022, Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld (Effett dirett), C-205/20, EU:C:2022:168, punt 30; u tas-27 ta' April 2023, M.D. (Projbizzjoni ta' dħul fl-Ungerija), C-528/21, EU:C:2023:341, punt 98).

57 Issa, il-limiti tal-imsemmi marġni ta' evalwazzjoni jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-prinċipju ta' newtralità fiskali. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, meta l-kundizzjonijiet jew il-limiti li għalihom Stat Membru jissuġġetta l-benefiċċju tal-eżenzjoni mill-VAT għal-logħob tal-ażżard jew tal-flus imorru kontra l-prinċipju ta' newtralità fiskali, dan l-Istat Membru ma jistax jibbaża ruħu fuq tali kundizzjonijiet jew limiti sabiex jirrifjuta lil operatur ta' tali logħob l-eżenzjoni li dan jista' leġittimament jinvoka taħt id-Direttiva 2006/112 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group, C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 68).

58 Għandu jitfakkar ukoll li hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja li tista', b'mod eċċezzjonali u għal kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' ċertezza legali, tagħti sospensjoni provviżorja tal-effett ta' esklużjoni eżerċitat minn regola tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tad-dritt nazzjonali li jmur kontriha. Tali limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tal-interpretazzjoni ta' dan id-dritt mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tista' tingħata biss fis-sentenza stess li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni mitluba (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2023, Osteopathie Van Hauwermeiren, C-355/22, EU:C:2023:737, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Li kieku l-qrati nazzjonali kellhom is-setgħa li jagħtu lid-dispożizzjonijiet nazzjonali supremazija fuq id-dritt tal-Unjoni miksur minn dawn id-dispożizzjonijiet, anki b'mod provviżorju, jiġu ppreġudikati s-supremazija u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2023, Osteopathie Van Hauwermeiren, C-355/22, EU:C:2023:737, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Għalhekk, il-prinċipju ta' supremazija jimponi fuq il-qorti nazzjonali l-obbligu li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet nazzjonali meqjusa li huma kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni li għandu effett dirett, anki meta l-qorti kostituzzjonali nazzjonali tkun iddeċidiet minn qabel li tiddifferixxi t-telf tas-saħħa vinkolanti ta' dawn id-dispożizzjonijiet, meqjusa li huma antikostituzzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2009, Filipiak, C-314/08, EU:C:2009:719, punt 85).

61 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-qorti nazzjonali li tkun eżerċitat il-possibbiltà mogħtija lilha mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE hija marbuta, għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali, mill-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja u għandha, jekk ikun il-każ, twarrab l-evalwazzjoni tal-qorti superjuri jekk tikkunsidra, fid-dawl ta' din l-interpetazzjoni, li din l-evalwazzjoni ma hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov, C-173/09, EU:C:2010:581, punt 30).

62 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali kif stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE u l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jimponu fuq il-qorti nazzjonali l-obbligu li ma tapplikax dispożizzjonijiet

nazzjonali meqjusa li huma inkompatibbli mal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, moqri flimkien mal-prinċipju ta' newtralità fiskali, mingħajr ma hija rilevanti f'dan ir-rigward l-eżistenza ta' sentenza tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali li tiddeċiedi li żżomm fis-seħħ l-effetti ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali.

Fuq ir-raba' domanda

63 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali kif stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 267 TFUE, id-Direttiva 2006/112, il-prinċipju ta' effettività u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' newtralità fiskali, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jagħtu lill-persuna taxxabbli dritt li tikseb ir-rimbors tal-ammont tal-VAT miġbura fi Stat Membru bi ksur tal-Artikolu 135(1)(i) ta' din id-direttiva.

64 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk, fil-każ li tikkonstata li l-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, moqri flimkien mal-prinċipju ta' newtralità fiskali, jipprekludi l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jkollhomx id-dritt jiksbu r-rimbors tal-ammont tal-VAT imħallsa abbażi ta' din il-leġiżlazzjoni.

65 Din id-domanda għandha għalhekk tinftiehem bħala li tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2011, Lady & Kid *et*, C-398/09, EU:C:2011:540).

66 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 46 u 47 ta' din is-sentenza, ir-raba' domanda preliminari għandha tiġi fformulata mill-ġdid fis-sens li, permezz tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jagħtu lill-persuna taxxabbli dritt li tikseb ir-rimbors tal-ammont tal-VAT miġbura fi Stat Membru bi ksur tal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112.

67 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-dritt li jinkiseb ir-rimbors ta' taxxi miġbura minn Stat Membru bi ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni huwa l-konsegwenza u l-estensjoni tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxu tali taxxi, kif ikunu ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, l-Istati Membri huma obbligati, bħala prinċipju, jirrimborsaw it-taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-28 ta' Settembru 2023, Administrația Județeană a Finanțelor Publice Brașov (Trasferiment tad-dritt għal rimbors), C-508/22, EU:C:2023:715, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Għaldaqstant, jidher li d-dritt għall-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament huwa intiż li jirrimedja l-konsegwenzi tal-inkompatibbiltà tat-taxxa mad-dritt tal-Unjoni billi jinnewtralizza l-piż ekonomiku li hija indebitament imponiet fuq l-operatur li fuqu, fl-aħħar mill-aħħar, ikun effettivament waqa' dan il-piż (sentenza tas-16 ta' Mejju 2013, Alakor Gabonatermelő és Forgalmazó, C-191/12, EU:C:2013:315, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Madankollu, b'mod eċċezzjonali, tali ħlas lura jista' jiġi rrifjutat meta dan iwassal għal arrikkiment indebitu ta' dawk eliġibbli. Il-protezzjoni tad-drittijiet iggarantiti f'dan ir-rigward mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma timponix għaldaqstant ir-rimbors tal-imposti, tad-dazji u tat-taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni meta jiġi stabbilit li l-persuna responsabbli għall-ħlas ta' dawn tal-aħħar tkun effettivament ittrasferixxiethom fuq individwi oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi

tas-16 ta' Mejju 2013, Alakor Gabonatermelő és Forgalmazó, C-191/12, EU:C:2013:315, punt 25, kif ukoll tal-21 ta' Marzu 2024, Dyrektor Izby Administracji Skarbowej w Bydgoszczy (Possibbiltà ta' korrezzjoni fil-każ ta' rata żbaljata), C-606/22, EU:C:2024:255, punti 34 u 35).

70 Madankollu, din l-eċċezzjoni għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv, fid-dawl b'mod partikolari tal-fatt li t-trasferiment ta' taxxa fuq il-konsumatur ma jinnewtralizzax neċessarjament l-effetti ekonomiċi tat-taxxa fuq il-persuna taxxabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003, Weber's Wine World *et*, C-147/01, EU:C:2003:533, punt 95).

71 B'hekk, anki fil-każ li jiġi stabbilit li l-impożizzjoni tat-taxxa indebita kienet ġiet ittrasferita fuq terzi, ir-rimbors tagħha lill-operatur ma jwassalx neċessarjament għall-arrikkiment indebitu ta' dan tal-aħħar peress li l-integrazzjoni tal-ammont tal-imsemmija taxxa fil-prezzijiet applikati tista' tikkawżalu dannu marbut mat-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2011, Lady & Kid *et*, C-398/09, EU:C:2011:540, punt 21, kif ukoll tal-21 ta' Marzu 2024, Dyrektor Izby Administracji Skarbowej w Bydgoszczy (Possibbiltà ta' korrezzjoni fil-każ ta' rata żbaljata), C-606/22, EU:C:2024:255, punt 28).

72 Għandu jitfakkar ukoll li l-eżistenza u l-portata tal-arrikkiment indebitu, li jimplika għal persuna taxxabbli r-rimbors ta' taxxa miġbura indebitament fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, jistgħu jiġu stabbiliti biss wara analiżi ekonomika li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' April 2008, Marks & Spencer, C-309/06, EU:C:2008:211, punt 43, kif ukoll tal-21 ta' Marzu 2024, Dyrektor Izby Administracji Skarbowej w Bydgoszczy (Possibbiltà ta' korrezzjoni fil-każ ta' rata żbaljata), C-606/22, EU:C:2024:255, punt 38).

73 Minn dan isegwi li r-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li r-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament għandhom jiġu interpretati fis-sens li jagħtu lill-persuna taxxabbli dritt li tikseb ir-rimbors tal-ammont tal-VAT miġbura fi Stat Membru bi ksur tal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, bil-kundizzjoni li dan ir-rimbors ma jwassalx għal arrikkiment indebitu ta' din il-persuna taxxabbli.

Fuq is-sitt domanda

74 Permezz tas-sitt domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata qabel il-ħames domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-obbligu impost fuq l-Istati Membri li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi milquta mill-implimentazzjoni illegali ta' għajnuna mill-Istat, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' newtralità fiskali, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li persuna taxxabbli tista' tirċievi, fil-forma ta' danni, ammont ekwivalenti għall-VAT imħallsa meta l-eżenzjoni minn din it-taxxa li minnha jkunu bbenefikaw operaturi oħra tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali.

75 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li s-sitt domanda tirrigwarda l-iskema ta' għajnuna mill-Istat u, b'mod iktar preċiż, l-obbligi li għandhom il-qrati nazzjonali meta jikkonstataw li l-eżenzjoni mill-VAT li minnha bbenefikaw ċerti operaturi tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat imħallsa mingħajr ma tkun twettqet in-notifika minn qabel meħtieġa mill-Artikolu 108(3) TFUE.

76 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 46 u 47 ta' din is-sentenza, is-sitt domanda preliminari għandha tiġi fformulata mill-ġdid fis-sens li, permezz tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 108(3) TFUE għandux jiġi interpretat

fis-sens li, meta l-eżenzjoni mill-VAT li jkunu bbenefikaw minnha ċerti operaturi tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali, persuna taxxabbli li ma bbenefikatx minn tali eżenzjoni tista' tirċievi, fil-forma ta' danni, ammont ekwivalenti għall-VAT imħallsa minnha.

77 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li huwa minnu li l-qrati nazzjonali għandhom jiggarantixxu li jinstiltu l-konsegwenzi kollha ta' ksur tat-tielet sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE, konformement mad-dritt nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda kemm il-validità tal-atti ta' implimentazzjoni kif ukoll l-irkupru tal-għajnuna finanzjarja mogħtija bi ksur ta' din id-dispożizzjoni, u li l-għan tal-missjoni tagħhom huwa, għaldaqstant, li jiġu adottati l-miżuri xierqa sabiex tiġi rrimedjata l-illegalità tal-implimentazzjoni tal-għajnuna, sabiex il-benefiċjarju ma jibqax igawdi minnha matul iż-żmien li jkun fadal sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (sentenza tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar, C-349/17, EU:C:2019:172, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 Barra minn hekk, qorti nazzjonali jista' jkollha tiddeċiedi dwar talba għal kumpens għad-dannu kkawżat minħabba n-natura illegali tal-miżura ta' għajnuna (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, EU:C:2006:644, punt 56).

79 B'hekk, fit-twettiq tal-missjoni tagħhom, il-qrati nazzjonali jistgħu jkunu meħtieġa jilqgħu talbiet għall-kumpens ta' danni kkawżati mill-għajnuna mill-Istat illegali lill-kompetituri tal-benefiċjarju (sentenza tat-23 ta' Jannar 2019, Fallimento Traghetti del Mediterraneo, C-387/17, EU:C:2019:51, punt 56).

80 Madankollu, l-eventwali illegalità, fid-dawl tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, tal-eżenzjoni minn taxxa ma hijiex ta' natura li taffettwa l-legalità tal-ġbir stess ta' din it-taxxa, b'tali mod li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-imsemmija taxxa ma tistax teċċepixxi li l-eżenzjoni li minnha jibbenefikaw persuni oħra tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat sabiex tevita li tħallas din l-istess taxxa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2006, Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, EU:C:2006:644, punt 51, u tat-3 ta' Marzu 2020, Vodafone Magyarország, C-75/18, EU:C:2020:139, punt 24).

81 Issa, jekk qorti nazzjonali tikkunsidra li l-eżenzjoni mill-VAT li kienu bbenefikaw minnha ċerti operaturi tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, l-għoti, fil-forma ta' danni, lil persuna taxxabbli li tkun ħallset din it-taxxa, ta' ammont ekwivalenti għall-VAT imħallsa, ikollu preċiżament l-effett li jippermetti lil din il-persuna taxxabbli tevita li tħallas l-imsemmija taxxa.

82 Għaldaqstant, ir-risposta għas-sitt domanda għandha tkun li l-Artikolu 108(3) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-eżenzjoni mill-VAT li minnha jkunu bbenefikaw ċerti operaturi tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali, persuna taxxabbli li ma tkunx ibbenefikat minn tali eżenzjoni ma tistax tirċievi, fil-forma ta' danni, ammont ekwivalenti għall-VAT imħallsa minnha.

Fuq il-ħames domanda

83 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 107 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni mill-VAT tax-xiri ta' biljetti ta' lotterija u l-esklużjoni minn tali eżenzjoni ta' logħob ieħor tal-ażżard u tal-flus offruti online, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern.

84 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din id-domanda qiegħda ssir fil-kuntest tar-rikors ta' persuna taxxabbli intiż għall-irkupru, fil-forma ta' danni, tal-ekwivalenti tal-VAT li hija ħallset. Barra minn hekk, minn din id-deċiżjoni ma jirriżultax li l-imsemmija domanda għandha suġġett ieħor.

85 Issa, mir-risposta mogħtija għas-sitt domanda jirriżulta li, meta l-eżenzjoni mill-VAT li minnha jkunu bbenefikaw ċerti operaturi tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, persuna taxxabbli li ma tkunx ibbenefikat minn tali eżenzjoni ma tistax tirċievi, fil-forma ta' danni, ammont ekwivalenti għall-VAT imħallsa minnha.

86 Għaldaqstant, fid-dawl tar-risposta mogħtija għas-sitt domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għall-ħames domanda.

Fuq l-ispejjeż

87 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, moqri flimkien mal-prinċipju ta' newtralità fiskali,**

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħmel differenza fit-trattament bejn, minn naħa, ix-xiri online ta' biljetti ta' lotterija u, min-naħa l-oħra, il-parteċipazzjoni f'logħob ieħor tal-azzard jew tal-flus offrut online, billi teskludi lil din il-kategorija tal-aħħar mill-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għall-ewwel kategorija, sakemm id-differenzi oġġettivi bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' logħob tal-azzard jew tal-flus jistgħu jinfluwenzaw b'mod kunsiderevoli d-deċiżjoni tal-konsumatur medju li jirrikorri għal waħda jew l-oħra minn dawn il-kategoriji ta' logħob.

2) **Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali kif stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE u l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jimponu fuq il-qorti nazzjonali l-obbligu li ma tapplikax dispożizzjonijiet nazzjonali meqjusa li huma inkompatibbli mal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, moqri flimkien mal-prinċipju ta' newtralità fiskali, mingħajr ma hija rilevanti f'dan ir-rigward l-eżistenza ta' sentenza tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali li tiddeċiedi li żżomm fis-seħħ l-effetti ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali.**

3) **Ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament għandhom jiġu interpretati fis-sens li jagħtu lill-persuna taxxabbli dritt li tikseb ir-rimbors tal-ammont tat-taxxa fuq il-valur miżjud miġbura fi Stat Membru bi ksur tal-Artikolu 135(1)(i) tad-Direttiva 2006/112, bil-kundizzjoni li dan ir-rimbors ma jwassalx għal arrikkiment indebitu ta' din il-persuna taxxabbli.**

4) **L-Artikolu 108(3) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li minnha jkunu bbenefikaw ċerti operaturi tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali, persuna taxxabbli li ma tkunx ibbenefikat minn tali eżenzjoni ma tistax tirċievi, fil-forma ta' danni, ammont ekwivalenti għall-VAT imħallsa minnha.**

Firem